**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA` GUDIKATURA KRIMINALI**
**MAGISTRAT DR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

**Illum 6 t' Ottubru, 2016**

**Il-PULIZIJA**
**(Supretendent Paul Vassallo)**
**vs**
**Christian Grech**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' Christian Grech detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 615281M akkuzat talli, f'dawn il-Gzejjer, fil-5 ta' Mejju 2007 u fix-xhur ta' qabel, b' diversi atti ukoll jekk maghmulin fi zminijiet differenti izda li kisru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda;

1 Ghamel att ta' money laundering billi:-

a) Ikkonverta jew ittrasferixxa proprjeta' meta kien jaf li dik il-proprjeta' kienet direttament jew indirettament inkisbet, jew mir-rikavat ta' attivita kriminali jew minn att ta' partecipazzjoni f' attivita kriminali, ghall-iskop ta' jew skopijiet ta' habi jew wiri haga b' ohra ta' l-origini tal-proprjeta' jew ta' ghoti ta' ghajnuna lil xi persuna jew persuni nvoluti jew koncernati f' attivita' kriminali;

b) Heba jew wera haga b' ohra tal-veri xorta, provenjenza, lok, dispozizzjoni, moviment ta' jeddijiet rigward, fi jew fuq proprjeta',meta dan kien jaf li dik il-proprjeta' kienet inkisbet direttament jew indirettament minn attivita' kriminali jew minn att jew atti ta' partecipazzjoni f' attivita kriminali;
c) Akkwista proprjeta' meta kien jaf li l-istess proprjeta' kienet inkisbet jew originat direttament jew indirettament minn attivita kriminali jew minn att jew atti ta' partecipazzjoni f' attivita kriminali;
d) Bir-ritensjoni minghajr skuza ragonevoli ta' proprjeta' meta kien jaf li l-istess proprjeta' kienet inkisbet jew originat direttament jew indirettament minn attivita kriminali jew minn att jew atti ta' partecipazzjoni f' attivita kriminali;
e) Ittenta li jaghmel l-hwejjeg jew attivitajiet illegali fuq imsemmija;
f) Agixxa bhala komplici fit-tifsir ta' l-artikolu 42 tal-Kodici Kriminali rigward xi wahda mill-hwejjeg jew attivitajiet definiti fis-sub-paragrafi (a), (b), (c), (d) u (e) ta' hawn fuq;

   Ai termini tal-Artikolu 3 ta' l-Att kontra l-Money Laundering, Kap. 373 u l-artikolu 18 tal-Kap 9, Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet gentilment mitluba, li tipprojbixxi lill-akkuzat Christian Grech milli jittrasferixxi, jaghti b' rahan jew xort' ohra jiddisponi minn xi proprjeta' mobbli jew immobbli, ai termini tal-artikolu 5(1)(b) tal-Att kontra l-Money Laundering, Kap 373 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet gentilment mitluba ukoll, sabiex tinnomina espert sabiex jaghmel inventarju tal-proprjeta' kollha skond kif deskritta fl-artiklu 2 tal-Kap 373 tal-Ligijiet ta' Malta li jappartjenu lill-imsemmi Christian Grech.

Rat li l-imputat Christian Grech kien akkuzat permezz ta' Att ta' Akkuza prezentat mill-Avukat Generali fl-24 ta' Marzu 2011(nru 6/2011) li fil-bidu ta' Mejju ta-sena elfejn u sebgha (2007) u fis-snin ta' qabel, b' diversi atti

maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda, sar hati ta' atti ta' hasil ta' flus billi:

(i) ikkonverta jew trasferixxa proprjeta' meta kien jaf li dik il-proprjeta' tkun direttament jew indirettament inkisbet minn, jew mir-rikavat ta' attivita kriminali jew minn att ta' partecipazzjoni f' attivita kriminali, ghall-iskop ta' jew skopijiet ta' habi jew wiri haga b' ohra ta' l-origini tal-proprjeta' jew ta' ghoti ta' ghajnuna lil xi persuna jew persuni nvoluti jew koncernati f' attivita' kriminali;

(ii) heba jew wera haga b' ohra tal-veri xorta, provenjenza, lok, dispozizzjoni, moviment ta' jeddijiet rigward, fi jew fuq proprjeta', meta dan kien jaf jew jissuspetta li dik il-proprjeta' kienet inkisbet direttament jew indirettament minn attivita' kriminali jew minn att jew atti ta' partecipazzjoni f' attivita kriminali;

(iii) akkwista proprjeta' meta kien jaf li l-istess proprjeta' kienet inkisbet jew originat direttament jew indirettament minn attivita kriminali jew minn att jew atti ta' partecipazzjoni f' attivita kriminali;

(iv) irritenja minghajr skuza ragonevoli proprjeta' meta kien jaf li l-istess proprjeta' inkisbet jew originat direttament jew indirettament minn attivita kriminali jew minn att jew atti ta' partecipazzjoni f' attivita kriminali

(v) ghamel tentattiv ta' xi hwejjeg jew attivitajiet definiti fis-sub-paragrafi (i), (ii), (iii) u (iv) ta' hawn fuq, u dan fit-tifsir ta' l-artikolu 41 tal-Kodici Kriminali;

(vi) agixxa bhala komplici fit-tifsir ta' l-artikolu 42 tal-Kodici Kriminali rigward xi wahda mill-hwejjeg jew attivitajiet definiti fis-sub-paragrafi (i), (ii), (iii), (iv) u (v) ta' hawn fuq.

Talab li jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi hu jigi kkundannat ghall-piena ta' prigunerija ghal zmien mhux inqas minn tliet snin izda mhux izjed minn tletin sena, jew multa ta' mhux inqas minn tlieta u ghoxrin elf, mitejn u tlieta u disghin euro u tlieta u sebghin centezmu (€23,293.73) izda mhux izjed minn zewg miljuni tliet mija u disgha u ghoxrin elf tliet mija u tlieta u sebghin euro u erbghin centezmu (€2,329,373.40), jew dik il-multa u prigunerija flimkien skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 2, 3(1), 3(2A)(a)(i), 3(3), 3(5) u 5 tal-Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta' Malta, u skond l-artikoli 18, 23, 23B, 31 u 533 tal-Kodici Kriminali, jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija ta' l-imsemmi akkuzat.

Rat li permezz ta' digriet tal-14 ta' Mejju 2012 il-Qorti Kriminali wara li rat ir-rikors tal-Avukat Generali u kkunsidrat li minhabba li l-akkuzat qatt ma jista' ikun akkuzat b' xi haga li fiz- zmien ir-reat ma kinitx parti mir-reat, ai termini tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u ai termini tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, laqghet il-bidliet proposti mill-Prosekuzzjoni u ordnat li titnehha l-frazi "jew jissuspetta" kull fejn tidher u l-frazi "ha pussess jew uza" kull fejn tidher fl-Att ta' Akkuza.

Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali (sede superjuri) tat-12 ta' Dicembru 2013 fejn giet konfermata is-sentenza moghtija mill-Qorti Kriminali fl-14 ta' Mejju 2012 fejn gew michuda l-eccezzjonijiet preliminari sollevati mill-akkuzat.

Rat li wara li l-atti intbaghtu lura lill-Qorti Kriminali u nzammu diversi udjenzi fejn intalab differiment stante il kien hemm tentattiv ghal patteggjament bejn l-Avukat Generali u l-akkuzat, fit-2 ta' Frar 2015 u bis-sahha tas-subartikolu (2A)(b)(c) tal-Artikolu 3 tal-Att Kontra Money Laundering (Kap 373) l-Avukat Generali hareg Kontro- ordni (inserit a

fol. 360 tal-atti processwali) sabiex l-akkuzat jigi processat minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Rat li waqt l-udjenza tas-6 t' Ottubru 2016 l-imputat ghal kull buon fini ta l-kunsens tieghu sabiex jigi processat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

Semghat l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti waqt l-udjenza ta' nhar il-5 ta' Gunju, 2015 ghall-imputazzjonijiet kif migjuba fil-konfronti tieghu b' dana pero' illi r-responsabilita' tal-imputat ghal dawn ir-reati ghandha titqies bhala wahda komplici accessorju ghar-reati.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b' mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Semghet is-sottomissjonijiet finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza in kwantu jirrigwarda l-piena.

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti ta' da nil-kaz huma fil-qosor dawn li gejjin. Illi fil-bidu tax-xahar ta' Mejju tas-sena elfejn u sebgha (2007) il-pulizija rcevew rapporti minn diversi nisa ta' nazzjonalita' barranija li allegaw li kienu gew imgeghla jipprostitwixxu ruhhom. Wara li dawn in-nisa gew mitkellma mill-pulizija huma ndikaw xi persuni li kienu nvoluti fit-tmexxija ta' din l-operazzjoni llegali u fosthom semmew lil Christian Grech qua l-akkuzat f' dawn il-proceduri.

Illi rrizulta minn investigazzjonijiet aktar akkurati li bejn Lulju tas-sena elfejn u erbgha (2004) u Mejju tas-sena elfejn u sebgha (2007), l-akkuzat kien ghamel trasferiment ta' flejjes f' ammonti konsiderevoli lil dsatax –il persuna differenti, liema trasferimenti ta' flus sehhew bejn Malta u r-Russja. L-istat ta' fatt tal-akkuzat u l-impjieg tieghu f' ebda mod ma seta' jiggustifika l-provenjenza ta' dawn l-ammonti ta' flus ammontanti ghat-total ta' €31,507.37. Fil-fatt minn dak li rrizulta waqt l-investigazzjonijiet ma kienx hemm spjegazzjoni valida tal-provenjenza tal-flejjes in kwistjoni.

Meta l-akkuza gie mitkellem mill-Pulizija hu stqarr ex admissis li dawn il-flejjes kienu xjentement gejjin minn racket ta' prostituzzjoni li kienet immexxija minn martu u hu kien ghamel dawn it-trasferimenti ta' dawn il-flejjes mahmugin fuq ismu u ghalhekk ikkonverta l-provenjenza ta' dawn il-flus minn wahda illecita ghal wahda legittima filwaqt li heba' l-illegalita' tal-istess.

Illi f'dawn il-proceduri ghalhekk l-imputat qed jigi akkuzat bir-reati ta' hasil tal-flus (money laundering) kontemplati fl-Artikolu 3 tal-Kap. 373 tal-Ligijiet ta' Malta fejn il-predicate offence kienet il-komplicita' f' racket ta' prostituzzjoni mmexxi minn martu. L-imputat kif diga' ntqal fil-paragrafi precedent ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu bil-kwalifika dwar ir-responsabilita' tieghu kif diga' spjegat.

Illi din il-Qorti jidrilha li mill-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni fil-kaz odjern jirrizulta pruvat sal-grad rikjest mill-ligi li l-imputat ghandu jinstab hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi.

Illi dwar il-piena kien hem diversi fatturi li ttiehdu in konsiderazzjoni minn din il-Qorti. Bla dubju l-ewwel konsiderazzjoni kienet in-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat, il-Qorti kkunsidrat ukoll l-ammont involut li kien dak ta' €31,507.37 li gie trasferit ir-Russja fuq medda ta' madwar tlett snin u l-fatt li dan l-ammont ma jistax jigi konfiskat favur il-Gvern ta' Malta peress li gie trasferit. Il-Qorti kkunsidrat ukoll li meta tressaq bl-akkuzi odjerni l-imputat kellu fedina penali nadifa kif ukoll il-fatt li llum il-gurnata huwa qed jiskonta piena ta' prigunerija effettiva fit-tul. Il-Qorti tipreciza wkoll li applikat il-pieni in vigore fiz-zmien meta gew kommessi r-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikolu 18 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll l-Artikolu 3 tal-Kap. 373 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti ssib lill-imputat Christian Grech hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u tikkundannah tlett (3) snin prigunerija u multa ta' tnejn u tletin elf Ewro (€32,000).

**MAGISTRAT**